**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta' Marzu 2018**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Spiteri**

**Vs**

**Clint Mangion**

**Roderick Schembri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Clint Mangion, ta' 31 sena, iben Agostino u Georgina xebba Schembri, mwieled il-Pieta' nhar l-1 ta' Gunju 1986, residenti 16, Trqi l-Arkata, Paola, karta ta' l-identita' numru 247986(M);

u

Roderick Schembri, ta' 23 sena, iben Stephen u Josienne, xebba Borg, imwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Jannar 1995, residenti l-Arkati Mais C, Triq il-Wied, Birkirkara, karta ta' l-identita' numru 30895(M)

Akkuzati flimkien talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta' Marzu 2018, gewwa Triq Ganu, Birkirkara w/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1) Ikkommettew serq aggravat ghad-detriment ta' Natalie Maary-Louise Vella Wright, Travis Vella u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat kemm bil-'valur', fejn il valur tal-haga misruqa ma hux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37); u kif ukoll bil-'lok', u cioe f' dar t'abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha;

Lil Roderick Schembri wahdu talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta' Marzu 2018:

2) Kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3) Il-Qorti hija gentilmen mitluba li f’kaz ta’ htija titratta ma’ l-akkuzat Clint Mangion bhala recidiv u dan ai termini tal-Art 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4) Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperi, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni f’dawn il-proceduri, fis-26 ta’ Marzu 2018, li giet ikkonfermata minnhom wara li nghatghu z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 49 u 50 tal-Kap 9, kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputati;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tordna li jitqieghdu taht ordni ta’ probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**